

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 86/2008

ta' 1-4 ta' Lulju 2008

li temenda l-Anness XIII (It-Trasport) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness XIII tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 72/2008 tas-6 ta' Ġunju 2008 ⁽¹⁾.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/163/KE ta' 1-20 ta' Diċembru 2007 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għal interoperabbiltà relatata "mas-sigurtà fil-mini tal-ferroviji" tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali u dik ta' veloċità għolja trans-Ewropea ⁽²⁾ għandha tiġi inkorporata mal-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 37da (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/756/KE) ta' l-Anness XIII mal-Ftehim:

- "37db. **32008 D 0163**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/163/KE tal-20 ta' Diċembru 2007 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għal interoperabbiltà relatata 'mas-sigurtà fil-mini tal-ferroviji' tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali u dik ta' veloċità għolja trans-Ewropea (ĠU L 64, 7.3.2008, p. 1)."

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjoni 2008/163/KE fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar il-5 ta' Lulju 2008, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Sezzjoni ŻEE, u fis-Suppliment ŻEE *Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 4 ta' Lulju 2008.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

H. S. H. Prinz Nikolaus von LIECHTENSTEIN

(1) ĠU L 257, 25.9.2008, p. 36.

(2) ĠU L 64, 7.3.2008, p. 1.

(*) M'huma indikati l-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali.